MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1753/2003

**Gasanmamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet ta'l-assikurat taghha Angelico Pulis sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Angelico Pulis**

**vs**

**Lilian Wismayer**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm384.71) rappresentanti danni kagjonati f'incident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta' Marzu 2002 fix-Xaghjra, limiti ta' Haz Zabbar bejn il-vettura bin-numru GAJ 393 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura GAJ 483, misjuqa minn Aaron Pulis u proprjeta ta'l-attur Angelico Pulis, liema vattura kienet assikurata taht polza *fully comprhensive*

mas-socjeta attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagjonati fuq il-vettura ta'l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha. L-ammont mitlub jinkludi Lm150 "excess" imhallsa mill-attur Angelico Pulis li kien assikurat taht polza "comprehensive" mas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar 2003, u bl-imghax legali pagabbli mis-6 ta' Jannar 2003 sal-hlas effettiv kontra l-konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta ipprezentata fl-14 ta' Novembru 2003, fejn hija ecceppiet illi:

1. L-incident sehh unikament tort tan-negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieq tal-vettura GAJ 483.
2. illi fi kwalunkwe kaz l-ispejjez huma esagerati.
3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Sema' x-xhieda ta'l-attur kif ukoll ta' Aaron Pulis, P.S. 132 Joseph Camilleri u ta' Edwina Fabri.

Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Mejju 2004, fejn il-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq il-provi migbura ta'l-atturi u dana peress illi l-konvenuta baqghet ma dehritx u ma resqitx provi in sostenn ta'l-eccezzjonijiet minnha sollevati.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh gewwa ix-Xghajra ta' Haz Zabbar, meta l-konvenuta kienet qed tintenta taghmel U-turn, fi triq principali. Dana jirrizulta mir-rapport tal-pulizija minn fejn johrog car illi din kienet l-intenzjoni tal-konvenuta u cioe' li taghmel din il-manuvra.

Dana qieghed jinghad peress illi l-konvenuta ma dehritx quddiem it-Tribunal sabiex taghti x-xhieda taghha.

Jidher illi Aaron Pulis li kien is-sewwieq involut fl-incident mal-konvenuta kien lemah lill-konvenuta wieqfa, hierga minn triq laterali u cioe' minn Triq Ras il-Gebel, li huwa jikkontendi illi hija triq *one-way* 'l isfel, u li ghalhekk di piu' l-konvenuta kienet hierga kontra id-direzzjoni tal-*one-way*. Huwa jikkontendi illi kien lemah lill-konvenuta distanza ta' madwar vettura 'il boghod minnu, izda meta avvicinaha hija qabbdet u harrget ghal fuqu sabiex b'hekk sehhet din il-kollizzjoni.

Mill-provi jirrizulta illi Aaron Pulis kien qieghed isuq fid-dritt, fit-triqtu u fuq il-karreggjata tieghu sejjer lejn Haz Zabbar. It-triq fejn kien qieghed isuq Pulis, skond is-surgent Camilleri, hija kkunsidrata bhala triq principali li hija maqsuma b'linji doppji u kontinwi.

Illi t-Tribunal iqies illi l-kawza prossima ta' dan l-incident stradali kienet il-manuvra li ghamlet l-konvenuta u cioe' U-Turn fi triq principali maqsuma fin-nofs taghha b'linji doppji kontinwi. Dana qed jinghad ghaliex sabiex hija taghmel din il-manuvra, l-konvenuta qassmet dawn il-linji u sahansitra invadiet il-karreggjata l-opposta tat-traffiku u cioe' il-karreggjata fejn kien qieghed isuq Pulis. B'din il-manuvra skonsiljabbli f'sewqan prudenti, l-konvenuta ma tatx bizzejjed pre-avviz lil Pulis sabiex jaraha u jirreagixxi ghaliha, u b'hekk sehhet il-habta. Di piu setghet kienet ukoll ta' periklu ghal sewwieqa ohra li kienu telghin minn Triq Ras il-Gebel fejn hija dahhlet, kontra id-direzzjoni tal-one-way, sabiex tibda taghmel din il-manuvra.

Kif gie gustament deciz f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ciivli f'kawza fl-ismijiet Jeffrey Caruana vs George Debono (deciza 20/04/2001):
"Ma jistghux jigu dettati regoli fissi ghal meta U-turn hi konsiljabbli jew le. Ghalkemm tista' issir bla perikolu f'toroq li ma tantx jintuzaw, f'toroq battuti sew bit-traffiku, wiehed ghandu juza' grad gholi ta' attenzjoni ghaliex U-turn mhix manuvra li sewwieqa ohra jistennew. Wiehed ghandu jevalwa sew ic-cirkostanzi tal-kaz. Fost dawn

jidhol ukoll l-angolu u tul possibbli ta' vizwalita' ghad-*driver* li jkun sejjer jaghmel dik il-manuvra. Hu obbligu ta' kull *driver* li f'kull hin u kull mument ikun in kontroll tal-vettura tieghu li jista' jevita l-incident, ghax id-dover ta' attenzjoni fuq it-triq hu kostanti u ininterrott. L-obbligu ta' dak li qed jaghmel il-U-turn mhux biss li jibda il-manuvra, izda li jikkompletaha b'sikurezza ghalih u ghal haddiehor."

Illi rigward il-*quantum* tad-danni, jirrizulta illi ghalkemm l-konvenuta issollevat l-eccezzjoni illi dawn huma esagerati. Madanakollu hija baqghet ma ressqet l-ebda provi f'dan ir-rigward. Madankollu mid-dokumenti esebiti, Dokumenti GMI1, GMI3 u GMI4 sa 6, jirrizulta illi l-ammont mitlub huwa gustifikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza, u ighaddi sabiex filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuta, jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm384.71), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Jannar 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------